MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2040/2002

**Charlo' Dalli**

**vs**

**Mario Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm494.50) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' disinji ordnati mill-konvenut ghal 'restaurant' bl-isem 'Buskett Restaurant' gewwa Marsaxlokk.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante wkoll li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-kontendenti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-attur huwa esagerat.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Sema’ x-xhieda tal-attur u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li l-konvenut kien inkariga lill-attur jaghmel xoghol ta’ disinn ta’ ‘layout’ ta’ ‘restaurant’. Saru diversi accessi fuq il-post ghal dan il-ghan u l-attur hejja l-pjanti jew disinni mitluba li jinsabu esebiti a fol. 18 tal-process. Irrizulta wkoll li l-konvenut kien talab lill-attur jindikalu il-prezz tas-servizzi tieghu izda dan tal-ahhar isostni li huwa ma setghax jaghmel dan minhabba li ma kienx jaf kemm ser jiddedika hin ghal progett in kwistjoni. Jidher li wara li l-attur ikkonsenja d-disinni, l-konvenut talbu l-kont meta dan tal-ahhar gie prezentat mill-kont huwa deherlu li l-ammont mitlub kien eccessiv meta wiehed jipparagunah max-xoghol li gie effetwat mill-attur.Il-konvenut spjega li huwa kien dispost li jhallas Lm150.00 ghax-xoghol maghmul mill-attur u li huwa wasal ghal dan l-ammont wara li ghamel paragun ma dak li kien hallas lil persunaohra li kienet preparatlu disinni u cioe’ li kienet ghamlet xoghol relatat ghal dak tal-attur.

Illi mill-prospett esebit mill-attur jirrizulta li huwa zamm bl-Lm4.00 is-siegha ghas-servizzi tieghu u li huwa ddedika 82 siegha sabiex ihejji id-disinji relattivi. It-Tribunal jidhirlu li l-attur seta’ ndika lill-konvenut ir-rata ta’ Lm4.00 fis-siegha mill-bidu nett u cioe’ meta gie mitlub mill-konvenut jaghti ndikazzjoni tal-prezz tas-servizzi tieghu. Inoltre, ghalkemm huwa minnu l wiehed ma jkunx f’posizzjoni li jindika a priori u b’mod preciz l-ammont ta’ hin li huwa jkun ser jiddedika ghal bicca xoghol, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur, li huwa bniedem professjonali fil-kamp

tieghu, seta' facilment jikkonstata b'mod aprossimattiv l-ammont ta' sieghat li kellu bzonn sabiex ilesti x-xoghol li kien qabdu jaghmel il-konvenut. Irid ukoll jigi rilevat li l-konvenut ma kienx f'posizzjoni li jivverifika kemm fil-fatt l-attur iddedika hin ghal dak li qabdu jaghmel. Fil-fehma tat-Tribunal 82 siegha huma pjuttost eccessivi ghat-tip ta' xoghol li effettivament sar mill-attur.

Illi t-Tribunal ghalhekk sejjer jillikwida 'arbitrio boni viri' l-ammont dovut lill-attur bhala l-prezz ghas-servizzi rezi minnu fis-somma ta' Lm300.00.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u in kwantu ghal terz (1/3) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------